Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2008

Numru 401/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**versus**

**Michel Abou Haidar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Michel Abou Haidar ta’ 37 sena imwieled il-Lebanon fit-3 t’Ottubru 1967 iben Melham u Faida nee’ Touma residenti 21 Richard Flat 1 Saint Joseph Street San Ġwann u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 69896 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fis-6 ta’ Awissu 2004 u fil-jiem ta’ qabel b’diversi azzjonijiet magħmula fi żminijiet

differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjonijijet tal-liġi, u li kienu magħmula b'risoluzzjoni waħda:

(a) assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħu jew jitraffikaw mediċina (raża tal-cannabis) f'dawn il-Gżejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew li jippromovi, jikkostitwixxi jew jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni.
(b) kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha, bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;
(c) ukoll talli kkommetta dan ir-reat fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħazagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.
(d) Ukoll talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża.

Il-Qorti intalbet biex tapplika 533 tal-Kap 9 jekk ikun hemm involuti xi spejjeż u jekk tinstab ħtija.

Rat l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tas-7 ta' Awissu 2004; ir-risposta ta' l-imputat illi ma kienx ħati; id-dikjarazzjoni magħmula mid-difiża li aċċettat bħala stat ta' fatt illi l-imputat kien arrestat l-Msida fil-viċinanza tal-każin tal-banda ta' San Ġużepp u għal hekk bla preġudizzju għall-kwistjoni ta' kolpevolezza o meno ta' l-imputat ma hemmx il-ħtieġa li jkun nominat espert mill-Qorti biex jikkonstata id-distanza tal-mitt metro (fol 32); il-proces verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera bit-titolu 'Sejba ta' raża cannabis fil-vettura JAK 628 fl-inħawi ta' l-Msida nhar is-6 ta' Awissu 2004' li jinsab a fol 39 et; l-istqarrija magħmula minn Michel Abou Haidar a fol 85 tal-proċess; ir-relazzjoni ppreżentata mill-Ispiżjar Forensiku Mario Mifsud a fol 103 et; il-verbal magħmul mill-avukat difensur fejn qal li ma kienx hemm għalfejn jittellgħu xhieda dwar il-volontarjeta' ta' l-istqarrija u x-xhieda tagħha (fol 128); ir-

relazzjoni tas-scene of the crime officer a fol 137; it-talba li kienet saret mill-prosekuzzjoni għas-separazzjoni tal-ġudizzju minħabba li l-istess imputat Abou Haidar Michel ma kienx qed jinstab, liema talba l-Qorti laqgħet u ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju a fol 145; is-sentenza esebita minn Dr Chris Cardona li kienet ngħatat il-jum ta' qabel fil-konfront ta' Michel Abou Haidar mmarkata bħala Dok CC, liema sentenza ġiet ppreżentata fid-19 ta' Ottubru 2007; id-digriet li bih il-Qorti awtorizzat lill-prosekuzzjoni sabiex tippreżenta ta' sottomissjonijiet; is-sentenza mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet 'Pulizija (Spettur Dennis Theuma) vs Michel Abou Haidar' kumpilazzjoni numru 644/2004 u kienet mogħtija mill-Maġistrat Dr Miriam Hayman a fol 158 et; in-nota ta' sottomissjoniet tal-prosekuzzjoni a fol 173 et u n-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiża a fol 176 et u il-verbal li fih dan il-proċess tħalla għad-deċizjoni a fol 180.

Ikkunsidrat

L-Ispettur Dennis Theuma spjega li fis-6 ta' Awissu 2004, il-pulizija kienu qed jagħmlu osservazzjoni ħdejn il-Malta Labour Party ta' l-Msida. Hawn hekk il-prosekuzzjoni u d-difiża qablu illi x-xhieda li kien qed jagħti l-ispettur Dennis Theuma kienet l-istess waħda li kien għadu kif ta quddiem Qorti oħra diversament preseduta. U intqal ukoll illi s-sustanza allegata droga kienet ppreżentata fil-kawża quddiem il-Maġistrat Dr Miriam Hayman (fol 23).

Il-Qorti kienet kkonfermat l-esperti kollha maħtura matul l-inkjesta mill-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera.

Xehed l-ispiżjar Mario Mifsud illi qal li huwa kien għamel l-eżamijiet rikjesti mill-Maġistrat Inkwerenti. Hu sab 13-il blokka żgħira li nstabet fihom is-sustanza THC fl-ammont ta' 21.864 grammi. Il-purita' kienet ta' 9.5% (fol 80).

Effettivament jekk wieħed jara fol 60 u 61 tal-proċess jara illi b'kollox kien hawn 14-il pakkett illi fl-użin tagħhom ivarjaw bejn 1.021 sa 2.846 grammi.

**L-istqarrija ta' l-imputat Michel Abou Haidar**

L-imputat qal li kien ltaqa' ma Paul Attard u li dan kellu telefonata minn ċertu Joseph Muscat li fil-fehma ta' l-istess Paul Attard kien qed jagħmillu ħajtu infern. Skond l-imputat, kien Pawlu Attard li qal li setgħu jitfgħu xi droga fil-karozza ta' dan Muscat u wara jgħidu lill-pulizija ta' kontra d-droga. L-imputat aċċetta li jgħin lil Pawlu Attard. Dawn Pawlu Attard illi tinstab ammont ta' droga li titqassam f'20 biċċa biex tidher ħafna. Kien Pawlu li ħallas il-flus (LM200) għall-cannabis għalkemm kien l-imputat illi dawn il-flus għaddiehom lill-persuna l-oħra li forniet id-droga (fol 85). L-imputat qal li kienu sejrin ipoġġu din il-kaxxa bid-droga fil-karozza ta' Muscat meta marru fuqhom żewġ pulizija u arrestawhom u ħaduhom id-depot tal-pulizija. Il-mara ta' Joseph Muscat kienet taf x'ser isir. Kienet din il-mara stess li qalet li l-windscreen ta' wara tal-karozza ta' Muscat kienet imkissra. L-imputat qal li hu qatt f'ħajtu ma kien uża droga u lanqas qatt biegħ droga.

L-Ispettur Dennis Theuma esebixxa ix-xhieda tiegħu li kien ta quddiem il-Maġistrat Dr Miriam Hayman fis-16 ta' Awissu 2004. Huwa qal illi huma kellhom informazzjoni dwar xi vettura li setgħet tkun qed tiġi użata għal skop ta' traffikar ta' droga. Il-vettura kienet waslet u fiha kien hemm l-imputati. Il-pulizija marru fuq ix-xufier u wara tfittxija fuq il-persuna tiegħu kienu sabu kaxxa tal-kartun li fiha kien hemm 13-il biċċa ta' sustanza kannella possibilment reżina tal-pjanta tal-cannabis. Saret wkoll tfittxija fil-vettura ta' l-individwi cioe kienu Peugeot 206 ta' kulur aħmar bin-numru tar-reġsitrazzjoni JAK 628 fejn instabet biċċa sustanza ta' kulur kannella oħra.

Fil-bqija ta' din ix-xhieda l-ispettur Dennis Theuma ta taqsira ta' dak li kien qal l-imputat fl-istqarrija tiegħu.

Kienet pprżentata wkoll ix-xhieda li kien ta l-ispiżjar Mario Mifsud quddiem il-Maġistrat Miriam Hayman fejn kienet

ġiet ppreżentata l-istess relazzjoni li għaliha kien diġa sar referenza iktar 'l quddiem.

Xehed PC 213 Nicolai Borg illi spjega li huma kellhom struzzjonijiet biex joqgħodu attenti għal Peugeot ħamra li huma waqqfu fejn kien hemm Michel Abou Haidar u Paul Artard u minn fuq Michel Abou Haidar inġabret kaxxa li ġo fiha kien hemm biċċiet suspettati raża tal-cannabis u fil-but kellu wkoll ammont sostanzjali ta' flus. Kien hemm wkoll traċċi li jidhru li setgħu kienu raża tal-cannabis.

Xehed ukoll PC 453 Brian Cassar li ppreżenta kopja tar-rapport u kopja tar-ritratti ta' l-inkesta dwar sejba ta' sustanza suspettata droga ġo Triq il-Kunċizzjoni Msida u li kien ħa ħsieb jieħu r-ritratti.

Kienet ppreżentata wkoll ix-xhieda ta' l-Ispettur Norbert Ciappara li hu kien ta quddiem il-Maġistrat Dr Miriam Hayman fis-16 ta' Frar 2005 li tidher a fol 147. Kien l-ispettur Norbert Ciappara illi kien ta l-istruzzjonijiet biex iwaqqfu lis-Sur Haidar u jaraw jekk kellux xi sustanza suspettata. Huwa qal ukoll li wara s-Sur Haidar kien mar ikellmu, skuża ruħu miegħu u kien kkopera kollox mal-pulizija u spjega x'kien ġara.

Minn hawn hekk 'l quddiem qamet il-kwistjoni ta' *ne bis in idem*.

## Ikkunsidrat

L-ewwelnett mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li l-imputat, flimkien ma' persuna oħra, kellhom l-intenzjoni li jixtru d-droga cannabis u jpoġġuha fil-karozza ta' terza persuna. Imbagħad il-Pulizija jkunu mgħarrfa dwar dan u jkunu jistgħu jġibu fl-inkwiet lil din it-terza persuna. Hemm kemm il-prova forensika kif ukoll il-prova okulari ta' kif seħħew l-affarijiet u kif instabet id-droga propju għand l-imputat fil-viċinanzi ta' każin ġewwa l-Imsida.

## 'Autrefois convict'

Iżda d-difiża qanqlet il-problema ta’ l-autrefoit convict u ppreżentaw sentenza li kienet mogħtija mill-Maġistrat Dr.Miriam Hayman.kontra l-imputat fit-28 t’April, 2006. Fi ftit kliem l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat kienu li fl-istess data kien sar ftehim li titwaddab id-droga f’karozza ta’ terza persuna sabiex il-Pulizija jaqbdu lil din il-persuna bid-droga u din ta’ l-aħħar tispiċċa magħluqa fil-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

Il-kwistjoni kollha hija jekk il-fatti odjerni għandhomx x’jaqsmu ma’ dawk li l-imputat kien diġa’ akkużat bihom. Il-Proekuzzjoni li ma hemmx dan in-ness għaliex l-imputat kellu jirrispondi għal imputazzjonijiet ta’ ħolqien ta’ traċċi ta’ reat u talli għamlu denunzja dwar dan lill-Pulizija. Id-difiża ssostni li għalkemm l-imputat ma kellux jirrispondi għat-traffikar tad-droga xorta waħda l-ħolqien tat-traċċi tar-reat kif ukoll id-denunzja lill-Pulizija kellhom x’jaqsmu ma’ l-istess fatt li l-imputat kellhom id-droga.

Il-Qorti kkunsidrat dan l-argument ewlieni.

Illi jista’ jiġri li l-istess fatt jista’ jivvjola aktar minn provvediment wieħed tal-liġi u għalhekk jista’ joħloq diversi raġunijiet għall-inkriminazzjoni. X’inhu fatt kien spjegat fil-każ ‘Rex versus Rosaria Portelli’ fil-każ deċiż fit-23 ta’ Frar, 1904 (Vol.XIX.P.IV p1). Il-Qorti kienet qalet hekk:

‘La legge intende il fatto principale in quanto meritevole di pena, o come altri si espresse non intende semplicemente il fatto storico o naturale nei suoi diversi momenti **ma il fatto giuridco nel suo complesso.’**

Dwar dan il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dawar il-Proċedura (paġina 45) jgħid hekk:

‘ In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall

not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations.
This principle, first expressly affirmed in ‘Rex versus Rosaria Portelli’ has now become settled law.’

Fil-fatt fit-2 ta’ Diċembru, 1939, l-Imħallef Harding fil-każ ‘Camilleri versus Cilia’
Kien qal li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill-istess fatt, mibni fuq l-istess intenzjoni, jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, m’hemmx pluralita’ ta’ offiżi iżda offiża waħda bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu assorbiti fil-vjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda mill-vjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull prosekuzzjoni ġdida li tista’ ssir għal kull vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il-vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja.

Qed issir referenza wkoll għall-każ ‘Rex versus Agatha Mifsud et’ tal-15 ta’ Ġunju, 1918 (Vol XXIII. Part I p.1077), każ li huwa kkwotat ukoll mill-Professur Mamo f’paġina 44 ta’ l-istess Noti ċitati. Il-Qorti kienet qalet hekk:

‘L’eccezione sollevata dagli accusati ed accolta dalla Corte si fonda sul motivo che i fatti esposti nell’odierno atto di accusa per corruzione di minorenni sono quelli stessi che furono addotti in un precedente giudizio per adulertio pel quale furono processati e liberati.’ Lejn it-tmiem tas-sentenza l-Qorti ikkwotat b’approvazzjoni dak li qalet il-High Court Ingliża f’Regina versus Miles’ u qalet hekk:

‘No doubt it seems a little startling that a conviction for a common assault should afford an answer to a subsequent indictment for that same assault, upon conclusive evidence that it was accompanied by an intent to murder; but reason and good sense point out that, even at the risk of occasional miscarriages of justice when once a criminal charge has been adjudicated upon by a Court having jurisdiction, that adjucative ought to be final……’

Reċentement il-Qorti Kostituzzjonali kellha teżamina s-sitwazzjoni fejn imputat kien ikkundannat talli naqas li josserva l-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja u wara dawn il-proċeduri l-Kummissarju tal-Pulizija talab li lill-imputat titneħħielu l-liberta' proviżorja kif ukoll li jitlef id-depożitu. Il-Prim'Awla kienet sabet favur l-imputat fir-referenza li kienet saritilha. Il-Qorfti Kostituzzjonali ikkonferamt fid-deċiżjoni tagħha mogħtija fil-15 t'April, 2008 fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) versus Kevin Gatt'. Infatti l-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

***'Ghalhekk din il-Qorti sejra tikkonferma s-sentenza appellata u dan peress li bit-talba tiegħu magħmula bir-rikors***
***tat-8 ta' Novembru 2006 – u cioe` li tiġi revokata l-liberta`***
***provviżorja fil-konfront ta' Kevin Gatt u li l-Lm2000***
***garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern – liema talba hi***
***bbazata fuq l-istess fatt li kien wassal ghas-sentenza tas-6***
***ta' Novembru 2006 – cioe` l-fatt li Gatt kien barra mir-residenza***
***tieghu meta suppost kien id-dar – il-***
***Kummissarju tal-Pulizija qed jagħti lok għal proċeduri bi***
***ksur ta' l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(1)***
***tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, b'mod***
***ghalhekk li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet***
***Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) v. Kevin Gatt***
***għandha tqis l-imsemmi rikors tat-8 ta' Novembru 2006***
***bħala irrit u null u ma tipproċedix oltre fir-rigward tiegħu'***

S'intendi jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn m'hemmx każ ta' 'ne bis idem'. Per eżempju fil-każ ta' wieħed jinstab ħati għal reat kriminali u ta' offiża kontra l-liġi tad-dwana mill-istess fatti. (Ara: Goktan versus France

Sentenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mogħtija fit-2 ta' Lulju, 2002 Applikazzjoni Numru 33402/96).

Jew fejn ikunu nfetħu mill-ġdid proċeduri kriminali żmien wara li jkunu waqfu. (Smirnova versus Russia. Deċiżjoni tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittitjiet tal-Bniedem mogħtija fit-2 t'Ottubru, 2002).

Jew fejn instabet ħtija kriminali għall-offiżi dwar il-falliment wara li kienet ingħatat ordni kontra l-imputati li bihom kienu skwalifikati milli jkunu diretti jew li jwaqqfu kumpaniji. (Ara Storbraten versus Norway (12277/04 u Mjelde versus Norway mogħtija mill-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-1 ta' Frar 2007.)

**Il-Każ odjern**

Il-Qorti kkunsidrat (a) din id-dottrina kif riprodotta hawn fuq (b) kif ukoll l-imputazzjonijiet dedotti fil-każ odjern u f'dak li diġa' deċiż fit-28 t'April, 2006. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-imputazzjonijiet odjerni u dawk li dwarhom il-Qorti tat deċiżjoni fit-28 t'April, 2006 huma prattikament l-istess fatti u huma magħqudin flimkien. Ir-reati msemmija fis-sentenza tat-28 t'April, 2006 kienu dwar it-tqegħid tad-droga f'karozza ta' terza persuna. L-imputazzjonijiet dwar il-ħolqien ta' reat kif ukoll l-irrapurtar falz lill-Pulizija huma intrinsikament marbuta mal-pussess tad-droga aggravat, l-aggravanti tad-distanza u l-assoċjazzjoni biex dan isir. Ukoll jekk dan l-imputat għandu imputazzjoni iżjed mill-ieħor – dik ta' l-ispaċċjar tal-cannabis -xejn ma jnaqqas mill-fatt li ż-żewġ proċeduri huma radikati fl-istess fatti. Il-Qorti hija tal-fehma li ma kienx hemm lok għal spezzettar f'żewġ charges.

Kien ikun mod ieħor kieku persuna nstabet titlajja' għal skopijiet ta' prostituzzjoni u wara saret tfittxija fid-dar tagħha u nstabet id-droga. Hawnhekk il-fatti mhux marbutin.

Għal din ir-raġuni il-Qorti qed tiddeċiedi billi tapplika l-artikolu 527 tal-Kap 9 u tiddikjara li dan huwa każ ta' ne bis in idem u għalhekk wara li rat l-artikoli 18 tal-Kap 9, l-artikoli 8(b), 8(d), 22(1)(a), 22(1)(f), 22(2)(b)(i), l-aggravju dwar id-distanza taħt l-artiolu 22(2(b)(i) u l-artikolu 22(1B) tal-Kap 101 qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet magħmula kontra tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------